# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 2587

**Kaz Nru. 2702/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**John Anastasi**

**u**

**Dr Martin Balzan fil-kariga tieghu ta' President tal-MAM u ghan-nom u in-rapprezentanza tal-istess Medical Association of Malta(MAM) (Dwar tkeccija mill-Impjieg allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti John Anastasi, li gie pprezentat fir-**

**Registru tal-Qorti fl'14 ta' Lulju, 2009. Matul is-smigh tal-Kaz, ir-Rikorrenti kien assistit mill-Avukat Robert Tufigno u ghal-Assocjazzjoni ntimata deher Dr Martin Balzan li kien assistit l-Avv. Robert Abela.**

**Fl'-istqarrija tal-kaz ir-rikorrent jghid, li kien gie mpjegat fuq bazi part-time mill-Assocjazzjoni appellata bhala amministratur ta' progett finanzjat mill-Unjoni Ewropea u beda l-impjieg tieghu fl' 1 ta' Settembru, 2008 u dan gie mitmum fil-31 ta' Marzu, 2009.**

**Huwa jghid ukoll fl'istqarrija tal-Kaz tieghu, li ghandu jiehu minghand l-Assocjazzjoni s-somma ta' € 2,534 bhala arretrati ta' pagi u dan mill-bidu tal-kuntratt sad-data tat-terminazzjoni ta' l-impjieg jigifieri mill-1 ta' Settembru, 2008 sal-31 ta' Marzu, 2009. Huwa jghid wkoll li l-ammonti dovuti lillhu huma :**

| **Xahar** | **Sighat mahduma** | **Paga dovuta** |
|---|---|---|
| **2008** | | |
| **Settemru** | **32** | **€ 224** |
| **Ottubru** | **82** | **€ 574** |
| **Novembru** | **80** | **€ 560** |
| **Dicembru** | **30** | **€ 210** |
| **2009** | | |
| **Jannar** | **57** | **€ 399** |
| **Frar** | **41** | **€ 287** |
| **Marzu** | **40** | **€ 280** |
| **Total** | **362** | **€2,534** |

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li kien qed jesebixxi bhala prova kopja tat-time sheets fejn l-origini taghhom jinsabu ghand l-Assocjazzjoni u liema time sheets ghajr dik ta' Marzu, 2009 kollha gew iffirmati u approvati minn Dr Martin Balzan.**

**Fl'istqarrija tieghu r-rikorrenti jghid ukoll, li dawn il-flus ma kienux thallsu peress li l-Istructural Funds Database gestita mill-Managing Authority tal-Progetti tal-Unjoni Ewropea (PPCD) ma kienitx ghadha operabbli. Huwa jghid ukoll, li kien offra li l-hlas tieghu jigi pospost sabiex l-Assocjazzjoni ma tohrogx il-flus qabel ma tkun qed tahdem it-tali Database tal-gvern, ghax inkella l-Assocjazzjoni kien ikollha tohrog il-flus sakemm isir rimbors ta' l-spejjez tal-progrett fosthom il-pagi tieghu. Huwa jghid ukoll, li dan ghamlu ghax ir-relazzjoni bejnu u l-Assocjazzjoni kienet mill-ahjar u qatt ma basar li l-Assocjazzjoni kienet sejra tasal li ma thallsux.**

**Huwa jkompli jghid li fil-25 ta' Mejju, 2009 bghat e-mail lill Dr Balzan fejn talbu il-hlas, ma dan ir-rikorrent qed jitlob ukoll il-hlas ta' somma li tirraprezenta penali talli l-kuntratt defenit tieghu gie mitmum mill-Assocjazzjoni u dan skond artiklu 2.4 tal-kuntratt ta' servizz fejn kien gie miftiehem li f'kaz li l-Assocjazzjoni tittermina l-impjieg tar-rikorrent ghal kwalinkwe raguni qabel il-perjodu ta' tlett snin, huwa ghandu dritt ta' kumpens li dan jammonta ghas-somma ta' elf u sitta u tmenin euro**

**(€1,086) li hu ekwivalenti ghal tlett xhur remunerazzjoni u dan skond l-istess kuntratt ta' servizz.**

**Ghall-Assocjazzjoni ntimata fl'istqarrija tal-kaz taghha qalet, li r-rikorrenti kien impjegat maghha fuq bazi part-time u r-relazzjoni ta' l-impjieg kienet regolata permezz ta' kuntratt ta' servizz. L-Assocjazzjoni tghid ukoll, li dan l-impjieg kien fuq bazi li l-hlas tax-xoghol kellu isir "subject to set targets and deadlines".**

**L'Assocjazzjoni tghid ukoll, li madwar nofs Ottubru 2008, ir-rikorrenti kien gharraf verbalment lill Dr Martin Balzan li minn Dicembru 2008, huwa kien ser jibda jahdem ma' l-Universita ta' Malta "full-time" bhala project manager. L'Assocjazzjoni tkompli tghid, li Dr Martin Balzan kien talab lir-rikorrent sabiex jispicca kull xoghol pendenti, specjalment dwar pagamenti dovuti mill-European Social Fund.**

**Fl'istqarrija ta-kaz taghha l-Assocjazzjoni tghid ukoll, li kien sar arrangament biex jigi akkomodat ir-rikorrent billi kien jibda jidhol wara l-hin tax-xoghol tieghu sakemm dan ix-xoghol jitlesta, imbghad mill-1 tas-sena 2009, l-Assocjazzjoni timpjega lil xi hadd iehor. Dwar dan l-Assocjazzjoni ghamlita cara mar-rikorrent li qabel ma jitlesta x-xoghol**

**u l-MAM tithallas mill-European Social Fund, ir-rikorrent ma kienx ser jithallas u dan kien gie accettat minnhu.**

**l-Assocjazzjoni tghid ukoll, li l-ewwel eccezzjoni li qed tigi sollevata hija li dan il-kaz gie intavolat tardivament mir-rikorrent, peress li sar aktar minn erba' xhur wara li l-impjieg tieghu ntemm.**

**L-Assocjazzjoni tghid ukoll, li fit-tieni lok ghalkemm ir-rikorrentipprezenta dokumenti li allegatament kien attenda ghax-xoghol fil-hinijiet miftehma pero irrizulta, li kwazi qatt ma kien attenda fuq il-post tax-xoghol kif kien miftiehem ma l-Assocjazzjoni u minnha tieghu kien issostni li hu kien qed ilesti hafna xoghol meta jkun l-Universita ghax ma tantx kellu x'jghamel hemmhekk.**

**Fl'istqarrija taghha l-Assocjazzjoni tghid ukoll, li Dr Martin Balzan kien rega avza lir-rikorrenti li hu ma kienx ser japprova l-ebda pagament jekk dan l-agir ikompli, kif ukoll li x-xoghol ma jithallasx qabel ma l-MAM tiehu l-flus dovuti.**

**L-Assocjazzjoni tghid ukoll li sa l-ahhar tas-sena 2008, irrizulta li kien sar ftit li xejn xoghol fuq il-progett li minnu kien inkarigat ir-rikorrenti u dan anke fir-rigward biex isiru l-hlasijiet. Hija tghid ukoll, li dwar dan l-aspett ir-rikorrent rega intalab sabiex ilesti x-xoghol li kellu jaghmel imbaghad jithallas. L'Assocjazzjoni ssostni wkoll, li din ma kienitx estensjoni tal-kuntratt li kien gie miftiehem illi kellu jintemm fl-ahhar ta' Dicembru 2008, izda kienet kundizzjoni biex isir il-pagament skond il-kuntratt u r-regolamenti tal-European Social Fund.**

**Fl'istqarrija taghha l-Assocjazzjoni tghid ukoll, li kienet irceviet ilment mill-ufficjali tal-OPM li r-rikorrent kien qed jidhirlu li jaghmlu x-xoghol tal-kompjuter kollu u mbaghad jithallas hu u dan ma kienx accettabli ghalihom. Ma dan hija tghid ukoll, li x-xoghol mitlub li jsir mir-rikorrent baqa ma tlestiex u ghalhekk kien intalab ic-cwievet lura ta' l-Assocjazzjoni u l-files kollha li kienu fil-pusses tieghu sa l-ahhar ta' Marzu, 2009.**

**Hija tghid ukoll, li meta gew ezaminati dawn il-files irrizulta li ma kienu xejn hlief gozz karti u l-ftit xoghol li kien bghat Kastilja gie rifjutat kollu mill-ufficcju ta' l-OPM u ma kienx hemm pagament wiehed li gie**

**approvat ghax kien hemm numru esagerat ta' zbalji u l-ftit xoghol li sar, sar hazin.**

**L-Assocjazzjoni tkompli tghid, li b'hekk ix-xoghol kollu ta' filing, ta' scanning ta' dokumenti u xoghol fuq id-database tal-kompjuter kellu isir kollu mill-gdid u dawn in-nuqqasijiet dahhlu lill-MAM f'risku serju li titlef il-fondi li kellha allokati lilha. Hija tkompli tghid, illi ngibdet l-attenzjoni ta' l-Assocjazzjoni li l-karti li r-rikorrenti kien bghat, kienu mmarkati bil-watermark tal-Gvern Malti u dan rrifletta ikrah fuq l-Assocjazzjoni billi m'hemmx awtorizazzjoni li r-rikorrenti jkollu dawn it-tip ta' karti u dan kollu jindika bic-car li dan ix-xoghol kien qed isir f'xi ufficcju iehor tal-Gvern.**

**L-Assocjazzjoni tghid ukoll, li minn wara dahar il-project leader u minghajr awtorizazzjoni jidher fuq id-database tal-finanzi tal-progett li r-rikorrenti tefa l-flus kollha tal-project management fuq il-kuntratt tieghu personali u dan sar minghajr awtorizazzjoni.**

**Fl'istqarrija taghha l-Assocjazzjoni tkompli tghid, li r-rikorrent kien talab li jsiru pagamenti ta' National Insurance fuq ismhu u dan meta hu kellu full-time job ma l-Universita, ma dan l-Assocjazzjoni jirrizultala wkoll, li r-rikorrenti qatt ma nvolva ruhu fl'essenza tal-progett jigifieri online learning u lanqas biss qatt talab il-password biex jara f'hiex kien jikkonsisti l-progett li minnu kien nkarigat.**

**L'Assocjazzjoni tghid ukoll, li dawn in-nuqqasijiet tar-rikorrent wasslu biex dan ix-xoghol kellu jsir mill-project leader innifsu, li l-ispiza tieghu hija stmata li tlahhaq €2,000. Ma dan l-Assocjazzjoni tghid ukoll, li r-rikorrenti kellu nuqqasijiet ohra fejn ta' mill-anqas fi tlett okkazzjonijiet huwa nqabad ipejjep fl'ufficini ta' l-Assocjazzjoni fl'liema post hu pprojbit li jsir tipjiep.**

**Ghalhekk il-MAM tiddikjara li l-impjieg tar-rikorrent gie terminat fil-perjodu ta' "probation" kif kien mitlub minnhu stess kif ukoll kien hemm bazi cara ghat-terminazzjoni fuq klawsoli 7.3 peress, li ripetutament assenta ruhu bla gustifikazzjoni u naqas li jghamel ix-xoghol tista tghid kollu kif mitlub fil-kuntratt. Il-MAM tghid ukoll, li skond klawsola 12 ukoll tawtorizza terminazzjoni jekk l-impjegat jinqabad ipejjep fuq il-post tax-xoghol u din sehhet tlett darbiet. Hija**

**tghid ukoll li skond artilu 3.1 tal-kuntratt, il-hlas tax-xoghol kellu isir skond "subject to set targets and deadlines" u dan kollu huwa kkonfermat f'ittra mid-direttur tal-PPCD Ms Marlene Bonnici li qalet, li wiehed setgha jithallas biss on confirmation that the service was delivered to his satisfaction. Il-MAM tghid ukoll, li r-rikorrent kiser kalwsoa numru 11, fejn ipprova jittrasferixxi fuqu nnifsu hlasijiet minghajr il-kunsens tal-project manager. Hija tghid ukoll, li din ir-regolarita giet innotifikata mill-ufficju tal-Prim Ministru minhabba x-xoghol iehor li ghandu fuq l-ESF.**

**Il-MAM tghalaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid, li bejn Settembru u Dicembru r-rikorrent talab hlas ta' €1568 liema hlas setgha jsir biss jekk ix-xoghol jitlesta tajjeb u fil-hin li hi xi haga li ma sehhitx. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' dan ix-xoghol wassal li dan ix-xoghol sar mill-project leader innifsu u hu stmghat 100 siegha bl'20 ewro fis-siegha jigifieri 2000 ewro. Il-MAM tghid ukoll, li lesta tirrikonoxxi 50 siegha xoghol fuq preparazzjoni ta' certi dokumenti u organizzar ta' zewg konferenzi li jammontaw ghal pagament ta' 350 ewro. Ghaldaqstant, dan iwassal biex il-MAM qed titlob lir-rikorrenti biex ihallas lill-Assocjazzjoni s-somma ta' 1650 ewro.**

**It-Tribunal Industrijali semgha diversi provi dwar il-Kaz nkwestjoni, li bazikament jitrratta kemm dwar l-eccezzjoni li ghamlet l-Assocjazzjoni li dan il-kaz gie ntavolat erba xhur wara li tipprovdi l-ligi u nvista ta'**

**dan il-kaz kien preskritt. Ma dan, it-Tribunal Industrijali semgha ukoll il-provi li kienu jittrattaw dawr l-allegazzjoni ta' tkeccija li saret b'modd ngust.**

**Mill-provi jirrizulta, li r-relazzjoni tax-xoghol bejn ir-rikorrenti u l-Assocjazzjoni kienet regolata permezz ta' kuntratt ta' servizz defenit ghal perjodu ta' tlett snin b'sehh mill-1 ta' Settembru, 2009. Permezz ta' dan il-kuntratt ir-rikorrent gie mpjegat fuq bazi ta' part-time fil-grad ta' ESF Project Manager.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-partijiet imponew penali fuq xulxien fejn klawsola 2.4 ta' dan il-kuntratt tghid "Should the employee give notice of resignation of his employment before the end of the three year period he shall be subject to the following penalties. It is also agreed that the employee shall give 4 weeks notice. Such clause shall also apply to the employer should he wish to terminate employment : 3 months salary 1$^{st}$ year, 2 months salary 2 nd year u 1 month salary 3$^{rd}$ year.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll li klawsola 3.1 tghid li "Employment shall be on a part-time basis ten hours per week on site as delegated by the**

**project leader. A further 5 hours per week is being allocated subject to the achievement of set targets and deadline. Remuneration shall be at 7 euros per hour. Rigward il-hinijiet tax-xoghol klawsola 4.1 tghid Ten(10) hours of work per week will be on site at MAM premises, while five (5) other hours will be delegated to other duties in more flexible manner and subject to attainment of set targets and deadline". Ma dan klawsola 4.2 tghid " The employer reserves the right to extend the weekly hours to 20 hours per week, but only with the consent of the employee". Klawsola 10.1 tal-Kuntratt ta' servizz tghid ukoll "No variation or amendement of this agreement or oral promise or committment related to it shall be valid unless committed to writing and signed by or on behalf of both parties".**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li skond id-dokumenti ta' l-ETC mibghuta mill-MAM ir-rikorrent beda l-impjieg fl'1 ta' Settembru, 2008 u l-ETC irceviet dan id-dokument fit-23 ta' Ottubru, 2008. Mill-istess provi ta' dokumentazzjoni ta' l-ETC jirrizulta wkoll, li l-MAM iddikjarat li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrent saret fil-31 ta' Dicembru, 2008. Izda mill-provi jirrizulta li l-ETC ircevew dan id-dokument fil-21 ta' April, 2009. Mill-provi jirrizulta wkoll, li Dr Martin Balzan bghat ittra lir-rikorrenti datata 31 ta' Marzu, 2009 fejn gie terminat l-impjieg tieghu u nfurmathu wkoll li "Please return all files in relation to ESF to the MAM office, all electronic files on a CD, the key to the office, and your**

**access card by not later than Monday 9th April, 2009. Furthermore please cancel your password with immediate effect.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll li dan sar wara li fit-28 ta' Marzu, 2009 kien hemm kuntatt bit-telephone bejn ir-rikorrenti u Dr Martin Balzan, fejn ir-rikorrenti gie mitlub biex l-ghada tat-28 ta' Marzu jidhol l-ufficcju biex ilesti x-xogholijiet, pero r-rikorrent kien informa lill Dr Martin Balzan li ma setghax ghax kellu vakanza bbukkjata.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll li f'Dicembru 2008, ir-rikorrenti kien informa lill-Assocjazzjoni li kien se jirrezenja mill-impieg part-time maghhom peress li kellu full-time job ma' l-Universita ta' Malta. Il-partijiet fthemu wkoll li r-rikorrent kellu jibqa fl'impieg sakemm ilesti l-affarijiet pendenti tal-progett, specjalment fejn kien jirrigwardja l-hlasijiet tal-progett.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li ghalkemm ir-rikorrenti fl'istqarrija tal-Kaz tieghu jghid, li t-time sheets kollha ghajr dik ta' Marzu, 2009 gew iffirmati minn Dr Martin Balzan, pero dan it-Tribunal Industrijali jirrizultalu li kienu t-Time sheets ta' Settembru, Ottubru, Novembru u Dicembru, 2008 li gew iffirmati kemm mir-rikorrent kif ukoll minn Dr**

**Martin Balzan. Fil-waqt li dawk ta Jannar, Frar u Marzu, 2009 dan it-Tribunal Industrijali ma jirrizultalux li dawn gew iffirmati minn Dr Martin Balzan.**

**Quddiem it-Tribunal industrijali l-partijiet ghamlu l-kaz taghhom fejn minn naha tar-rikorrent qal, li hu kien ghamel ix-xoghol kif kien mitlub pero ma setghax jirregistrah peress li kien hemm problemi teknici. Ghan-naha ta' l-Assocjazzjoni qalet, li r-rikorrent kwazi ma kien ghamel xejn u l-Assocjazzjoni dahlet fi spiza ta' elfejn ewro biex lestiet il-progett. L-Assocjazzjoni tghid ukoll, li peress li l-progett kien fuq performance u r-rikorrent ma kien ghamel kwazi xejn, ma thossx li hija ghanda thallas lir-rikorrent ghas-sieghat ta' xoghol li huwa qed jghid li ghamel.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz inkwestjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa l-eccezzjoni preliminarji mressqa mill-Assocjazzjoni, li dan l-kaz kien preskritt peress li gie mressaq mir-rikorrent wara t-terminu ta' erba xhur kif tipprovdi l-ligi. Meta dan it-Tribunal Industrijali jezamina l-provi li jirrigwardjaw it-talba ta' l-Assocjazzjoni jsib, li hemm zewg dokumenti importanti li jridu jigu ezaminati dak, li l-Assocjazzjoni bghatet lill ETC fejn ghamlet dikjarazzjoni li r-rikorrent spicca l-impjieg tieghu fil-31 ta' Dicembru, 2008 u l-ETC irceviet dan id-dokument fil-21 ta' April, 2009.**

**Meta dan it-Tribunal Industrijali jezamina wkoll dan id-dokument isib, li Dr Martin Balzan iffirma dan id-dokument pero ma nizzilx id-data ta' meta gie ffirmat. Dokument iehor li ezamina dan it-Tribunal Industrijali huwa l-ittra li bghat Dr Balzan lir-rikorrent liema ittra hija data 31 ta' Marzu, 2009 fejn infurmah li l-impjieg tieghu kien qed jigi tterminat u kellu jirritorna dak kollu li kien dovut lill Assocjazzjoni.**

**Dan it-Tribunal Industrijali jirrizultalu li din l-ittra tat-terminazzjoni saret wara it-28 ta' Marzu meta Dr Martin Balzan kien qal lir-rikorrenti biex jidhol ghax-xoghol izda ir-rikorrent ma seghtax ghax kellu btala bbukjata u ghaldaqstant ghat-Tribunal Industrijali dan kien iffisser li sa dik il-gurnata r-rikorrenti kien ghadu fl'impjieg.**

**Meta dan it-Tribunal Industrijali jezamina dawn il-provi jasal ghal konkluzjoni, li t-terminazzjoni ta' l-impjieg saret b'sehh mill-31 ta' Marzu, 2009 u peress li r-rikorrent ressaq il-kaz tieghu biex jinstemgha quddiem it-Tribunal Industrijali fl'14 ta' Lulju, 2009 kien ghadu fi zmien ta' erba xhur provdut mill-ligi biex iressaq il-kaz tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali. Invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali jichad l-eccezzjoni premlinarji li giet imressqa mill-Assocjazzjoni u jiddeciedi li l-applikazzjoni tar-rikorrent saret fi zmien tat-terminu ta' erba xhur kif provdut mill-ligi.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet dan it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, l-aspett ta' liema parti tterminat l-impjieg u dan mhux biss fid-dawl biex tigi stabilita liema parti tterminat l-kuntratt ta' servizz izda wkoll, ghax l-istess kuntratt ta' servizz klawsola 2.4 timplika li dik il-parti li tittermina l-impjieg tkun suggetta li thallas penali lill parti l-ohra. Rigward dan l-aspett meta t-Tribunal Industrijali jezamina l-provi li kellu quddiemu jsib, li kien ir-rikorrenti li nforma lill l-Assocjazzjoni li minn Dicembru, 2008 kien se jirrezenja mill-impjieg u dan peress li kien gie ngaggat full-time ma' l-Universita ta' Malta. Invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali jasal ghal konkluzjoni li din ma kienitx tkeccija mill-impjieg izda kienet rizenja mill-impjieg u dan ghar-raguni, li meta l-Assocjazzjoni qaltlu biex ma jkomplix bil-progett, ir-rikorrenti kien diga ta' irrezenja tieghu mill-impieg part-time li huwa kellu ma' l-Assocjazzjoni ghar-raguni li huwa kien sab impieg full-time ma l-Universita.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra l-aspett l-iehor ta' divergenza li hemm bejn il-partijiet li jirrigwardja l-hlasijiet fejn, l-Assocjazzjoni mhux biss qed tirrifjuta li thallas lir-rikorrenti ghar-raguni li qed tghid, li r-rikorrent naqas fix-xoghol tieghu milli jwettaq il-progett, izda wkoll qed titlob kumpens ta' €1650 ghal spejjez li dahlet fihom biex lestiet il-progett.**

**Meta dan it-Tribunal Industrijali jezamina l-provi li gew imressqa quddiemu jasal ghal konkluzzjoni, li r-rikorrenti m'ghandux ikun suggett ghal dan il-hlas u dan ghar-raguni li kienet l-Assocjazzjoni li**

**ghazlet li tkompli il-progett billi t'assenja dawn is-servizzi lill-haddiehor.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll li peress li kien hemm problemi dwar il-konkluzjoni tal-progett, l-Assocjazzjoni setghet tghid lir-rikorrent biex ma jkomplix bil-progett u dan ghar-raguni li hu kien diga ta' ir-rizenja tieghu mill-impjieg, ghalhekk l-Assocjazzjoni finalment setghet twaqqaf lir-rikorrent mill-impjieg ghar-raguni li kien ir-rikorrent li originarjament irrezenja mill-impjieg.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet, isib u jasal ghal konkluzjoni li din kienet rizenja mill-impjieg. Ghaldaqstant, invista li din kienet rizenja mill-mpjieg timplika li r-rikorrent hu suggett skond klawsola 2.4 tal-kuntratt ta' servizz ghal penali ta' tlett xhur hlas u dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li din il-penali ghanda tigi koperta permezz li l-Assocjazzjoni ma thallasx lir-rikorrent ghal perjodu ta' Jannar sa Marzu 2009. Dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li r-rikorrenti huwa ntitolat ghal hlasijiet ta' bejn Settembru sa Dicembru, 2008 ghax dawn gew approvati minn Dr Martin Balzan u dawn jammontaw ghas-somma ta' €1568 (elf hames mija u tmienja u sittin ewro) liema ammont Dr Martin Balzan fil-kariga tieghu ta' President tal-Medical Association of Malta u ghan-nom u n-rapprezentanza tal-istess**

**Medical Association of Malta ghanda thallas lir-rikorrent fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet u peress li dan it-Tribunal Industrijali ma kienx qed jiffunzjona sakemm giet emendata il-ligi dawar l-Att ta' 2002 dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghjan ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**

**A/Segretarja**

**Data ______________________**